MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2005

Numru. 26/2004

PULIZIJA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
JAMES ANTHONY AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat James Anthony Agius, ta’ 28 sena, bin Emanuel u Angela nee’ Farrugia, imwieled Mtarfa fil-31 t’Ottubru 1975, residenti 9/10 New Mill Str, l/o Mellieha, detentur tal-karta tal-identita’ 492075(M), u akkuzat talli f’dawn il-gzejjer fit-28 t’Ottubru 2003, fil-limiti ta’ B’Kara, b’mezzi xort’ohra minn dawk specifikament imsemmijin fil-Kodici Kriminali, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, specifikatament il-vettura DAP949, u dan ghad-dannu tal-propjetarju tal-istess vettura u cioe’ Joseph Fenech, ID 389956(M), liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin

(Lm50), izda inqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) bi ksur tal-Artikoli 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanza ksirt il-buon ordni b'ghajjat u glied jew b'xort'ohra.

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-buon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-rejat, turbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti stess a tenur tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Dennis Theuma, jirrizulta illi kien l-imputat stess li rraporta l-ghassa tal-Pulizija ta' B'Kara illi waqt li hu, Direttur tal-Kumpanija Micamed li kienet taghmel xi xoghol fi triq vicin l-isptar il-gdid Mater Dei, u li ghalhekk kemm huwa kif ukoll il-'partner' tieghu Pierre Micallef u l-lavrant Daniel Spiteri, kienu ghalqu parti mit-triq permezz ta' xi 'cones' sabiex ikunu jistghu jahdmu. Illi f'xi hin minnhom kien gie trakk bin-numru tar-registrazzjoni DAP949 misjuq minn Joseph Fenech, li beda jikkwistinja b'ton agressiv u b'hafna gestikolazzjonijiet u li ried bis-sahha u a kwalunkwe kost jghaddi mit-triq li kienet giet maghluqa. U li f'hin minnhom Joseph Fenech dahal fil-kabina tat-trakk, beda jsuq fid-direzzjoni ta' Micallef u Spiteri, u meta ra hekk, l-imputat ippanikkja, qabad 'cone' u xehtu lejn it-trakk DAP949 bi sforza sabiex iwaqqaf lill-istess trakk. Infatti, dan il-'cone' laqat il-'windscreen' tal-istess trakk u

nkisret il-‘windscreen’. Dan ir-rapport gie maghmul mill-imputat Agius fis-saghtejn ta’ wara nofsinhar fit-28 t’Ottubru 2003.

Illi fis-sebgha ta’ filghaxija tal-istess jum, il-kwerelant Fenech gie mitlub mis-Surgent tal-ghassa PS201 Sandro Magro biex jaghti l-verzjoni tieghu. Dan sostna li waqt li kien ghaddej minn hdejn il-Mater Dei Hospital, sab xi ‘cones’ tal-plastic jghalqu t-triq, u peress li ma ra ebda Pulizija jew Warden, nizel inehhi l-‘cones’ halli jkun jista’ jghaddi. Kienu gew fuqu tnejn min-nies u qalulu biex jghaddi minn banda ohra. Fenech jghid li beda jikkwistinja maghhom peress illi kien jehtieg permess tal-Kummissarju tal-Pulizija biex it-triq tinghalaq. F’hin minnhom, Fenech jghid li ra ‘cone’ gej fid-direzzjoni tat-trakk, habat mal-‘windscreen’ li nkiser. Fenech innega illi huwa f’xi hin saq ghal fuq il-lavranti li kienu qed jahdmu fit-triq.

Fenech gie mitlub imur l-ghassa sabiex jigi verifikat il-hsara fuq it-trakk u dan ma ghamlux, u l-Pulizija tad-distrett kellha taghmel dan. Fenech gie mitlub ukoll jaghti stima tal-hsarat, izda minflok il-Kummissarju tal-Pulizija rcieva korrespondenza mill-Ufficcju tal-Ombudsman tat-3 ta’ Dicembru 2003. L-istima nfatti gietipprezentata fl-14 ta’ Dicembru 2003 maghmula minnu stess f’ammont ta’ mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270).

Wara dan, giet ipprezentata stima mic-Citadel Insurance reference number 8850. L-istqarrija tal-imputat giet esebita u mmarkata bhala dokument DT a fol 20 et seq.

A fol 15, l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma fuq domanda tal-Qorti illi kien l-imputat li ghamel rapport l-ghassa tal-Pulizija, ‘survey report’ dokument DTI a fol 24, f’ammont ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin (Lm210).

PS 201 Sandro Magro xehed illi kienet WPC 78 illi kienet kellmet lill-Partijiet izda huwa kien kellem lil certu Joseph u kien talbu ghal stima li eventwalment giet prezentata.

PC 100 Terence Azzopardi xehed illi huwa nghata struzzjonijiet sabiex imur jispezzjona trakk propjeta’ ta’

Joseph Fenech, DAP949 li kellu hsarat fuq il-‘windscreen’. PC 100 xehed illi l-hsara kienet fil-‘windscreen’ fil-parti tan-nofs, u li Joseph Fenech kien qallu li xi hadd kien waddablu xi ‘cone’.

Spettur Dennis Theuma, a fol 38, xehed illi x’aktarx il-‘cones’ kienu tal-plastic.

Joseph Fenech, a fol 40 et seq, xehed illi huwa kien ghaddej bi trakk b’numru DAP949 ghaddej minn hdejn l-isptar il-gdid, meta sab it-triq maghluqa b’‘cones’ tal-plastic homor u bojod, nizel mit-trakk, ma ra ebda Pulizija jew Warden u nehha l-‘cone’.

A fol 41, jghid is-segwenti:

‘u meta gejt biex insuq it-trakk gie wiehed ragel qalli t-triq maghluqa, minn hawnhekk ma tistax tghaddi ghax ahna qeghdin nahdmu xi xoghol.’

Joseph Fenech jghid li hu beda jargumenta maghhom u nsista pero’ biex jghaddi u ma thalliex. Joseph Fenech jinnega illi huwa kien ser isuq fuq xi hadd, u jinsisti li huwa ma kienx fit-trakk (ara fol 42). Joseph Fenech xehed illi l-persuni li kien hemm fit-triq qalulu li kien hemm permess illi t-triq kienet maghluqa u li mbaghad:

‘jien tlajt got-trakk biex incempel lill-Pulizija. Meta appena jien kont ha naqbad il-ponn tat-trakk biex niftah il-bieba, dan ir-ragel tefaghli wahda minn dawn il-‘cones’ ghall-‘windscreen’ u kissirhieli. Qbadt ha ncempel lill-Pulizija, lanqas ilhaqt ghafast in-numru tat-telecell wiehed illi gew il-Pulizija minn jeddhom, minghajr ma naf b’xejn, u dawn kienu Pulizija ghassa mal-gate tal-isptar il-gdid.’

Joseph Fenech jghid illi kiteb lill-Kunsill u anke kiteb l-Ombudsman. Joseph Fenech gharaf lill-imputat bhala l-persuna illi xehtet il-‘cone’ fid-direzzjoni tat-trakk tieghu. Joseph Fenech xehed illi qabel l-incident, il-‘windscreen’ tieghu kien diga’ kellha xaqq fuq il-parti l-ohra tal-‘windscreen’. Gie konfermat illi l-hsara totali kienet ta’ tlett mija u erbghin lira Maltin (Lm340).

PC 1415 Emanuel Pace xehed illi huwa kien jaghmel xoghol ‘extra’ hdejn l-isptar il-gdid, u cioe’ hdejn il-‘gate’ ta’ hdejn il-Yorkie, fejn sab kommozzjoni fit-traffiku u sab tnejn min-nies jillatikaw ma’ xulxin, wiehed bi trakk u li beda jallega li kien hemm xi tlett min-nies u li tefghulu xi ‘cone’ u kissrulu l-‘windscreen’ fuq in-naha tal-lemin tieghu.

PC 1415 innota li fuq dan il-‘windscreen’ kien hemm diga’ xaqq fuq in-naha tal-passiggier, u xehed illi n-nies l-ohra bdew jghidu illi s-sewwieq tat-trakk DAP949 attenta jsuq ghal fuqhom u kienet dik ir-raguni li warrbu l-‘cone’. Pace xehed illi l-partijiet bdew jargumentaw b’mod shun izda hadd ma mess lil hadd. PC 1415 Pace kkonferma illi l-‘cones’ mertu tal-kawza kienu ‘cones’ tal-plastic.

PS 634 xehed, a fol 62, illi huwa kien qieghed ma’ PC 1415 u PC 823 meta ndunaw b’xi argument bejn sewwieq ta’ trakk u xi haddiema li kienu qed jahdmu fuq il-post hdejn l-isptar Mater Dei. It-triq koncernata tippermetti li jghaddu zewg trakkijiet pero’ ma kienx cert. Aktar tard qal li l-incident gara mar-‘roundabout’ ta’ fejn il-Yorkie li filfatt hija ‘single carriageway’.

PC 823 Ivan Brincat ikkonferma x-xhieda ta’ PS 634 u PC 1415.

Joseph Fenech rega’ xehed a fol 65 et seq, u xehed illi huwa ghalkemm ra li t-triq kienet maghluqa bil-‘cones’, ma rax raguni ghaliex kienet imblukkata t-triq, u li kien nizel mill-vettura u nehhihom meta gie xi hadd u qallu illi t-triq kienet maghluqa. Joseph Fenech kompla jixhed minkejja l-‘caution’ moghtija minn din il-Qorti, illi l-‘cone’ ntefghet mill-imputat ghal fuq it-trakk meta huwa, cioe’ Joseph Fenech kien ghadu lanqas dahal fit-trakk (ara fol 68).

Joseph Fenech gie moghti twissija minn din il-Qorti diversi drabi u repetutament baqa’ jsostni **‘m’ghandix x’niehu lura u mbaghad li rrid nghid huwa li gew il-Pulizija u l-istorja jigifieri tafuha**.’

Mitlub jghid ghalfejn ma ghamilx rapport l-ghassa tal-Pulizija, izda kiteb biss l-Ombudsman, a fol 69, Joseph Fenech jinnega dan u jghid li ghamel rapport tal-Pulizija u mbaghad kiteb lil Ombudsman. Innega li kienu l-Pulizija li gew ifittxuh biex jinvestigaw ir-rapport li kien ghamel l-imputat, u jibqa’ jsostni illi kien hu minn rajh li mar jaghmel rapport l-ghassa ta’ B’Kara, u ma kinux il-Pulizija li baghtu ghalih (ara fol 69).

Natalino Agius, a fol 75 tal-process, Surveyor mac-Citadel Insurance, ikkonferma illi l-hsarat kienu ta’ mija u ghoxrin lira (Lm120) ghall-‘windscreen’ u erbghin lira Maltin (Lm40) tar-‘rubber’ u lastiku taghha. Is-Surveyor ikkonferma li apparti li kien hemm hsara principali fuq il-‘windscreen’ fuq in-naha tax-xufier, kien hemm ukoll xi xquq zghar fil-‘passenger side’ tal-istess ‘windscreen’.

Dr Richard Sladden, a fol 79, ikkonferma bhala Segretarju tal-Kunsill Lokali, illi ma kinux inhargu permessi fil-gurnata tal-incident sabiex tinghalaq xi triq fil-lokal fejn sar l-incident.

Brian Farrugia, a fol 84, ikkonferma illi t-trakk DAP949 jghajjat lill-kwerelant Joseph Fenech.

Natalino Agius esebixxa erba’ ritratti NA 1-4, u kkonferma li Joseph Fenech kien qallu biex jigi jaghmillu rapport biex jinbidel il-‘windscreen’ tat-trakk ghaliex xi hadd kien waddablu xi gebel lejh u ghalhekk huwa kien mar fuq il-post. Ikkonferma wkoll illi apparti xquq fuq in-naha tas-sewwieq tat-trakk, kien hemm ukoll xquq ohra fuq in-naha tal-passiggier fl-istess ‘windscreen’.

Daniel Spiteri, a fol 94, xehed illi huwa kien qed jahdem mal-imputat dakinhar tal-incident, u bhas-soltu huwa qabad, ghalaq it-triq bil-‘cones’ tal-‘plastic’ sabiex huma jkunu jistghu jahdmu:

**‘gie trakk, hu nizel jghajjat minn got-trakk u xxuttja l-cones u heddidna li se jsuq fuqna. Jien dak il-hin qisni bzajt u ersaqt lura… u mbaghad beda jsuq fuqna. Kont ma zewg imghallmin tieghi jien, kif tela’**

**got-trakk Joseph Fenech irrezzja t-trakk, wiehed mill-imghallmin tieghi haseb li gej ghal fuqna u waddab il-cone u kisser parti mill-windscreen li kien imkisser diga’ l-windscreen.’**

Daniel Spiteri kkonferma illi l-imputat kien il-persuna li tefa’ l-‘cone’ fuq it-trakk. Spiteri kkonferma illi Joseph Fenech nizel jixxuttja l-‘cones’ u jidghi fit-triq u qalilhom li mhux ser idur bhall-ohrajn ghax mhux ser jahli zewg liri (Lm2) diesel zejda (ara fol 96).

Daniel Spiteri kkonferma anke in kontro ezami, li Joseph Fenech kien qieghed gewwa l-kabina tat-trakk u kien qieghed jirrezzja u dan qabel ma l-imputat tefghalu l-cone.

Pierre Micallef, a fol 100 et seq, ikkonferma wkoll ix-xhieda ta’ Daniel Spiteri, u xehed kif Joseph Fenech beda jghajjat u beda jixxuttja l-‘cones’, xehed li beda jaghmel idejh ma’ wiccu u li beda jheddidhom li ser isuq fuqhom (ara fol 101). Ikkonferma wkoll li Joseph Fenech dahal jigri got-trakk, ghalaq il-bieba, u beda jirrezzja t-trakk u li kien hemm illi l-imputat qabad ‘cone’ u waddabha u giet fuq il-‘windscreen’ tat-trakk li xxaqqet. Ikkonferma wkoll li kien hemm xquq fuq in-naha l-ohra tal-‘windscreen’ ukoll.

PC 100 Terence Azzopardi, a fol 106, ikkonferma illi Joseph Fenech kien talbu biex jara l-hsarat li huwa garrab fuq it-trakk DAP949. Ikkonferma li kien hemm xi daqqa’ fuq il-‘windscreen’.

Joseph Chircop, f’isem il-kuntrattur Emanuel Vella tar-Road Services Ltd, Naxxar, esebixxa l-applikazzjonijiet ghall-permessi u l-kostruzzjoni tat-triq ghall-isptar il-gdid tal-Qroqq, u l-permessi li nhargu kienu jkopru mis-6 ta’ Gunju sat-12 ta’ Dicembru 2002, u b’estenzjoni sat-30 t’Ottubru 2004.

L-imputat Agius, a fol 113, spjega illi huma kienu qed jghaddu xi ‘underground cables’ u t-triq kienet dejqa, u ghalhekk huma ghalquha permess tal-‘plastic cones’. Illi fid-data tal-incident kien gie Joseph Fenech li kien qed isuq trakk, nizel mit-trakk u beda jixxuttja l-‘cones’ u

jghajjat, jiftah idejh ma’ wicc il-haddiema tieghu u mal-‘partner’ tieghu.  Sostna illi Fenech beda jidghi u kwazi hebb ghal wiehed mill-haddiema tieghu. Illi f’hin minnhom, Joseph Fenech tela’ fuq it-trakk u qal kliem li jekk mhux ser iwarrbu huwa ser isuq ghal fuqhom bit-trakk b’kollox. L-imputat xehed li huwa rrabja ghaliex huwa ma kienx f’pozizzjoni li jwarrab min-nofs ghaliex kellu l-‘cable’ espost, u qallu illi kellu l-permessi biex jaghmel dan ix-xoghol.  Fenech irrispondieh li huwa ma kienx ser jahli zewg liri (Lm2) diesel biex idur id-dawra kollha.  Illi ghalhekk, Fenech baqa’ jirrabja u jheddidhom li se jsuq fuqhom, tela’ jigri got-trakk, startja t-trakk, beda jirrezzja t-trakk, l-imputat ippanikkja u waddablu l-ewwel haga li giet ghal idejh u cioe’ li kienet il-‘cone’ tal-‘plastic’.

L-imputat xehed illi l-‘windscreen’ tat-trakk kienet diga’ mxaqqa, izda wara d-daqqa tal-‘cone’ ixxaqqet mill-banda l-ohra. L-imputat xehed illi meta Joseph Fenech dahal bil-girja fit-trakk, huwa ghalaq il-bieba tat-trakk u startja t-trakk u kien ser isuq.  In kontro ezami, l-imputat xehed illi l-uniku skop li kellu meta tefa’ l-‘cone’ kien li jiddefendi lilu nnifsu u lil shabu.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti fuq esposti, din il-Qorti hi tal-fehma illi kien il-kwerelant Joseph Fenech illi qanqal l-incident shih li zviluppa mbaghad bil-hsarat fit-trakk tieghu. Dan qieghed jinghad ghaliex il-Qorti rat u segwiet b’reqqa kbira il-manjiera illi biha l-kwerelant Joseph Fenech ta x-xhieda tieghu, u osservat n-numru konsiderevoli ta’ twissijiet moghtija mill-Qorti dwar il-gurament falz, u rat kemm-il darba filfatt Joseph Fenech jikkontradixxi lilu nnifsu waqt li qed jaghti dan ir-rapport.

Dan qieghed jinghad ghaliex fl-ewwel xhieda tieghu, Joseph Fenech a fol 42, l-ewwel jishaq li huwa ma kienx got-trakk meta twaddablu l-‘cone’, u mbaghad ftit wara jghid li huwa tela’ got-trakk biex icempel lill-Pulizija, mbaghad jinduna bl-izball tieghu u jerga’ jipprova jiehu lura dik ix-xhieda u jghid li huwa tela’ biss biex icempel lill-

Pulizija, u li kif kien se jaqbad il-'handle' tat-trakk biex jiftah il-bieba, intefghet il-'cone'.

Illi nfatti Joseph Fenech ikkontradixxa ruhu serjament meta baqa' jishaq illi kien hu li ghamel rapport lill-Pulizija, u dan in kontradizzjoni anke tax-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur Dennis Theuma li jghid li kienu l-Pulizija li baghtu ghalih wara r-rapport li kien ghamel l-imputat stess cio' nonostante, Joseph Fenech baqa' jishaq u jghid li l-Pulizija kellhom zball, illi huwa kien mar jaghmel rapport l-ghassa ta' B'Kara huwa stess u ma kienx mar hemmhekk ghaliex kienu baghtu ghalih il-Pulizija.

Illi di piu', din il-Qorti rat it-ton arroganti li bih Joseph Fenech xehed fil-prezenza taghha, il-manjiera li minkejja li kien hemm triq maghluqa bil-'cones' u l-haddiema qed jahdmu bil-'cable' mikxuf fit-triq, Joseph Fenech iddecieda li huwa kien ser jghaddi minn din it-triq maghluqa, u meta gie mizmum milli jaghmel dan, nizel u beda jixxuttja l-'cones' u jidghi, jaghmel idejh ma' wicc il-haddiema u jheddidhom li se jghaddi minn fuqhom bit-trakk. Meta ma nehhewx il-'cones', Joseph Fenech b'girja tela' fit-trakk tieghu, ghalaq il-bieb, qabbad it-trakk u kien f'dan il-mument li l-imputat biex jipprotegi lilu nnifsu u lill-haddiema tieghu, iddecieda li jitfa' l-'cone' biex jipprova jwaqqaf lill-imputat milli jkompli gej fuqhom.

Illi din il-'cone' kienet il-kagun ta' hsara fil-'windscreen' tat-trakk tal-kwerelant, izda ghandu jinghad ukoll illi dan il-'windscreen' kien diga' mxaqqaq, u dan jirrizulta mill-provi.

Illi in vista ta' dan kollu, din il-Qorti ma tarax kif tista' anke b'xi mod remot issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u ghaldaqstant issib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------